DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 63/2010

tal-11 ta' Ġunju 2010

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat permezz tal-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim"", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tal-Ftehim ġie emendat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 44/2010 tat-30 ta' April 2010 [1].

(2) Id-Direttiva 2009/63/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ċerti partijiet u karatteristiċi ta' tratturi bir-roti għall-agrikoltura jew għall-forestrija (verżjoni kodifikata) [2] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(3) Id-Direttiva 2009/66/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar l-apparat tal-isteering ta' tratturi bir-roti tal-agrikoltura jew tal-foresterija (verżjoni kodifikata) [3] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(4) Id-Direttiva 2009/76/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-livell ta' storbju kif jinstema' mis-sewwieq ta' tratturi bir-roti għall-agrikoltura jew għall-forestrija (verżjoni kodifikata) [4] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(5) Id-Direttiva 2009/63/KE tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 74/151/KEE [5] li hija inkorporata fil-Ftehim u li għalhekk għandha titħassar skont il-Ftehim,

(6) Id-Direttiva 2009/66/KE tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 75/321/KEE [6] li hija inkorporata fil-Ftehim u li għalhekk għandha titħassar skont il-Ftehim,

(7) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 98/38/KE [7] qiegħda temenda d-Direttiva 75/321/KEE iżda ġiet inkorporata fil-Ftehim bħala punt separat. Peress li d-Direttiva 75/321/KEE għandha titħassar, id-Direttiva 98/38/KE għandha għalhekk titħassar ukoll skont il-Ftehim.

(8) Id-Direttiva 2009/76/KE tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 77/311/KEE [8] li hija inkorporata fil-Ftehim u li għalhekk għandha titħassar skont il-Ftehim.

(9) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 98/39/KE [9] qiegħda temenda d-Direttiva 77/311/KEE iżda ġiet inkorporata fil-Ftehim bħala punt separat. Peress li d-Direttiva 77/311/KEE għandha titħassar, id-Direttiva 98/39/KE għandha għalhekk titħassar ukoll skont il-Ftehim.

---

[1] ĠU L 181, 15.7.2010, p. 12.
[2] ĠU L 214, 19.8.2009, p. 23.
[3] ĠU L 201, 1.8.2009, p. 11.
[4] ĠU L 201, 1.8.2009, p. 18.
[5] ĠU L 84, 28.3.1974, p. 25.
[6] ĠU L 147, 9.6.1975, p. 24.
[7] ĠU L 170, 16.6.1998, p. 13.
[8] ĠU L 105, 28.4.1977, p. 1.
[9] ĠU L 170, 16.6.1998, p. 15.

IDDEĊIDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Kapitolu II tal-Anness II tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. It-test tal-punti 2 (id-Direttiva tal-Kunsill 74/151/KEE), 6 (id-Direttiva tal-Kunsill 75/321/KEE), 10 (id-Direttiva tal-Kunsill 77/311/KEE), 24 (Direttiva tal-Kummissjoni 98/38/KE) u 25 (id-Direttiva tal-Kummissjoni 98/39/KE) għandu jitħassar.

2. Il-punti li ġejjin għandhom jiġu inseriti wara l-punt 31 (id-Direttiva 2009/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

"32. **32009 L 0063**: Id-Direttiva 2009/63/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 13 ta' Lulju 2009 dwar ċerti partijiet u karatteristiċi ta' tratturi bir-roti għall-agrikoltura jew għall-forestrija (verżjoni kodifikata) (ĠU L 214, 19.8.2009, p. 23).

33. **32009 L 0066**: Id-Direttiva 2009/66/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar l-apparat tal-isteering ta' tratturi bir-roti tal-agrikoltura jew tal-foresterija (Verżjoni kodifikata) (ĠU L 201, 1.8.2009, p. 11).

34. **32009 L 0076**: Id-Direttiva 2009/76/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-livell ta' storbju kif jinstema' mis-sewwieq ta' tratturi bir-roti għall-agrikoltura jew għall-forestrija (Verżjoni kodifikata) (ĠU L 201, 1.8.2009, p. 18)."

Artikolu 2

It-testi tad-Direttivi 2009/63/KE, 2009/66/KE u 2009/76/KE li għandhom jiġu ppubblikati fl-ilsien Islandiż u dak Norveġiż, fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-12 ta' Ġunju 2010, kemm-il darba ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE. (*)

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Ġunju 2010.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Alan SEATTER

(*) Mhuma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.